

**Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)**

15569/24

**SOC 832
EMPL 583
GENDER 251
ECOFIN 1363
EDUC 437**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Soluzzjonijiet komprensivi għall-isfidi demografiċi: Nappoġġaw lill-ġenituri u nimmobilizzaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ u dawk akbar fl-età <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mħejjija mill-Presidenza, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq fil-Kunsill EPSCO tat-2 ta' Diċembru 2024.

**Soluzzjonijiet komprensivi għall-isfidi demografiċi:
Nappoġġaw lill-ġenituri u nimmobilizzaw
il-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u daww akbar fl-eà**

Dibattitu ta' orjentazzjoni

It-tibdil demografiku għandu influwenza kbira fuq is-soċjetajiet u l-kapital uman tal-Unjoni Ewropea. Dan jaffettwa l-ekonomiji tagħna kollha kemm huma, kif ukoll il-koeżjoni territorjali u soċjali tagħna. Il-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ u ser tibda tonqos dalwaqt. Sal-2050, is-sehem tal-UE tal-popolazzjoni tad-dinja mistenni li jkun inqas minn 5 %. Dawn ix-xejriet demografiċi jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti fuq il-kompetittività fit-tul tal-UE. Jekk jippersistu, dawn ix-xejriet jistgħu jaggravaw in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u joħolqu pressjoni fuq il-baġits nazzjonali u s-sistemi tas-sigurtà soċjali. Minbarra t-tħassib dwar is-sostenibbiltà, dawn ix-xejriet għandhom impatt profond fuq il-produttività wkoll.

It-tibdil demografiku huwa influwenzat l-aktar minn għażliet individwali. Għalhekk, l-għan ewlieni tal-politiki tal-UE u daww nazzjonali għandu jkun li jappoġġaw lill-individwi fil-kisba tal-aspirazzjonijiet tagħhom relatati mal-karriera personali u l-ħajja tal-familja, fost l-oħrajn.

Nappoġġaw lill-ġenituri fl-isfidi demografiċi urġenti tal-lum

Minħabba l-isfidi msemmija hawn fuq, għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-appoġġ komprensiv għall-ġenituri biex jinholq ambjent aktar favur il-familja li jindirizza l-impatti soċjoekonomiċi tat-tixjij u t-tnaqqis fir-rati tat-twelid. Ambjent bħal dan għandu jqis il-benefiċċji tat-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jippermetti liż-żewġ ġenituri, lin-nisa u lill-irġiel, li jkollhom xogħol bi ħlas. Il-politiki għandhom jespjoraw u jsaħħu miżuri bħat-tisħiħ tal-liv tal-ġenituri kkompensat b'mod adegwat u flessibbli, inkluż il-liv tal-paternità, indukrar tat-tfal u kura fit-tul affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja, u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sostenibbli.

Meta l-individwi u l-ġenituri jiġu appoġġati fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja privata, huwa essenzjali li jiġi kkunsidrat "approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet", li jfisser qafas flessibbli u adattiv li jipprioritizza u jindirizza l-ħtiġijiet personali u professjonali differenti tal-ħaddiema, filwaqt li jippromwovi t-tqassim ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel u jrawwem ir-rikonċiljazzjoni bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura. Approċċ bħal dan jenfasizza l-importanza li jinftiehem u jiġu akkomodati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-individwi sabiex jissaħħu il-benesseri tagħhom. Jinvolvi l-valutazzjoni u l-kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadini tal-UE, bħar-responsabbiltajiet tal-familja u l-pjanijiet tal-ħajja, inkluż l-għanijiet tat-trobbija tat-tfal u tal-iżvilupp professjonali kif ukoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ġenituri, jippermettulhom ikunu attivi fis-suq tax-xogħol u jagħtuhom il-possibbiltà jimmaniġġaw il-familja u x-xogħol aħjar. Magħhom jeħtieġ li jkun hemm servizzi affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll għall-kura fit-tul.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija aspett importanti ieħor. Meta jiġu appoġġati l-ġenituri u l-familji, huwa essenzjali li titħeġġeġ il-parteciġazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fir-responsabbiltajiet domestiċi u ta' kura kif ukoll li jissaħħu l-politiki dwar il-post tax-xogħol li jirrispondu għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi individwali tan-nisa u l-irġiel li jrabbru t-tfal żgħar, u b'hekk ikunu jistgħu jissodisfaw l-aspirazzjonijiet tagħhom. Dan jipprevjeni wkoll l-irtirar bikri mis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura.

Minbarra l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-disponibbiltà u l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u deċenti wkoll huma importanti ħafna biex jinholq ambjent favur il-familja. Dan jikkontribwixxi għal sens ta' sigurtà u jipprovdi pedament biex tinbeda familja. Pereżempju, m'hemmx dubju li sussidji għall-akkomodazzjoni mmirati tajjeb, speċjalment f'format mhux rimborżabbli, jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan l-għan meta jiġu kkombinati ma' miżuri strutturali biex jiġu żgurati l-provvista u d-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli, deċenti u sostenibbli.

L-istabbiltà finanzjarja tal-familji hija ċentrali meta tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tibdil demografiku, għaliex tindirizza l-kawżi fundamentali tiegħu waqt li tadatta wkoll għal realtajiet ġodda. Sistemi ta' benefiċċji tat-taxxa mfassla tajjeb jiżguraw li l-individwi jkunu f'sitwazzjoni finanzjarja aħjar meta jibdeu xogħol bi hla. Il-benefiċċji tat-tfal huma wkoll mod kif tiġi appoġġata l-formazzjoni tal-familja u jingħelbu l-ostakli finanzjarji fir-rigward tat-twettiq tal-pjanijiet tal-ħajja individwali.

Il-miżuri li għandhom l-għan li jrawmu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bbażat fuq il-ħtiġijiet, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jappoġġaw l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli kif ukoll jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-indipendenza ekonomika tal-familji għandhom l-għan li jagħmluha aktar faċli għall-ġenituri biex jiksibu l-aspirazzjonijiet tagħhom rigward li jkollhom it-tfal u li jissodisfaw l-għanijiet professjonali tagħhom. Billi jnaqqsu l-ostakli finanzjarji u soċjali, dawn il-politiki għandhom l-għan li jinkoraġġixxu t-tkabbir ekonomiku, itaffu l-pressjonijiet ekonomiċi fuq il-ġenituri, u joħolqu kundizzjonijiet stabbli għat-trobbija tat-tfal fost l-Istati Membri tal-UE.

Nimmobilizzaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u daww akbar fl-eà

Biex nimmaniġġaw l-isfidi demografiċi urġenti tal-lum, nistgħu wkoll nisfruttaw il-punti b'saħħithom kemm tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh kif ukoll ta' daww akbar fl-eà. Kif enfasizzat fis-Sett ta' Għodod tad-Demografija, l-użu tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' gruppi żgħażaġh u akbar fl-eà kien, u ser ikun, waħda mill-aktar miżuri effettivi fil-mitigazzjoni tal-impatti tat-tibdil demografiku. Fl-istess ħin, hemm ħtieġa dejjem tikber li jitqarrbu r-realtajiet differenti fost il-ġenerazzjonijiet u titrawwem il-kollaborazzjoni, fuq bażi volontarja, li ttaffi r-responsabbiltajiet ta' kura tal-ġenituri.

Barra minn hekk, hemm ħtieġa li jiġu mobilizzati l-ħiliet u l-potenzjal kemm taż-żgħażaġh kif ukoll ta' daww akbar fl-eà, b'enfasi fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid, u l-ġhażliet ta' impjieg flessibbli biex jadattaw għar-realtajiet demografiċi, jagħtu spinta lir-reżiljenza ekonomika u jrawmu s-solidarjetà interġenerazzjonali madwar l-UE. Il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jistgħu jipprovdut perspettivi ġodda, għajnuna b'ħiliet teknoloġiċi, u appoġġ edukattiv lit-tfal, u b'hekk il-ġenituri jkollhom aktar żmien biex jiffukaw fuq ir-rwoli proprji tagħhom. Programmi li jippermettu lill-adulti żgħażaġh biex minbarra l-iżvilupp personali u tal-karriera tagħhom, jistabbilixxu kuntatt b'mod volontarju ma' familji li jeħtieġu tutoraġġ, indukrar tat-tfal, jew mentoraġġ jistgħu jtaffu l-piżijiet ta' kuljum tal-ġenituri, filwaqt li joffru għajnuna Prattika u emozzjonali.

Fl-istess ħin, il-ġenerazzjoni akbar fl-età għandha esperjenza ta' ħajja rikka li tista' tkun ta' benefiċċju kbir għall-familji żgħażaġh. L-istabbiliment ta' inizjattivi u attivitajiet interġenerazzjonali, bħal programmi edukattivi u tutorjali, networks ta' voluntiera, jew indurkar part-time flessibbli minn pensjonanti, anke fuq bażi volontarja jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-adulti akbar fl-età biex jintervjenu bħala mentors, assistenti u persuni li jindukraw. Dawn mhux biss jistgħu jarrikkixxu l-ħajja tal-familja iżda jistgħu wkoll jagħtu sens ta' skop lill-adulti akbar fl-età li jkunu qed jesperjenzaw is-solitudni.

Dawn il-miżuri u l-isforzi kollha flimkien jistgħu joħolqu komunità ta' appoġġ li tkun ibbażata fuq djalogu interġenerazzjonali u solidarjetà fejn il-potenzjal ta' kull ġenerazzjoni jikkontribwixxi għal soċjetà koerenti, li taqsam il-piż tat-trobbija tat-tfal b'modi li jkunu ta' benefiċċju għal kulħadd.

Fid-dawl ta' dan, il-Ministri mistiedna jiddiskutu l-mistoqsijiet gwida li ġejjin:

- *Kif nistgħu nipprovdu assistenza lil individwi żgħażaġh biex jissodisfaw l-aspirazzjonijiet tagħhom rigward l-iżvilupp professjonali personali tagħhom u l-bini ta' familja?*
- *Liema miżuri jistgħu jgħinu biex jiġi appoġġat aktar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bbażat fuq il-ħtiġijiet għall-ġenituri, speċjalment għall-ġenituri bi tfal żgħar?*
- *Kif jistgħu s-solidarjetà interġenerazzjonali kif ukoll il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u daww akbar fl-età, jikkontribwixxu għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ġenituri fil-kuntest tat-tibdil demografiku?*